

32006R1819

13.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 351/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1819/2006**tal-11 ta' Diċembru 2006****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 234/2004****dwar ċerti miżuri restrittivi****fir-rigward tal-Liberja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2006/31/PESK tat-23 ta' Jannar 2006 li ġġedded il-miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja¹ u l-Pożizzjoni Komuni 2006/518/PESK ta' l-24 ta' Lulju 2006 li timmodifika u ġġedded ċerti miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja²,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

¹ ĠU L 19, 24.1.2006, p. 38.

² ĠU L 201, 25.7.2006, p. 36.

Billi:

- (1) Sabiex jiġu implimentati l-miżuri imposti kontra l-Liberja mir-Riżoluzzjoni 1521 (2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'l quddiem "UNSCR"), il-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK ta' l-10 ta' Frar 2004 rigward miżuri restrittivi kontra l-Liberja¹ pprevediet l-implimentazzjoni tal-miżuri mniżżlin fil-UNSCR 1521 (2003) rigward il-Liberja, u projbizzjoni tal-forniment lil-Liberja ta' assistenza finanzjarja marbuta ma' attivitajiet militari. Skond ir-Riżoluzzjonijiet 1647 (2005), 1683 (2006) u 1689 (2006) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, il-Pożizzjonijiet Komuni 2006/31/PESK u 2006/518/PESK ikkonfermaw il-miżuri restrittivi tal-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK għal perijodu ta' żmien ulterjuri u pprevedew ċerti modifiki.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 234/2004² jipprojbixxi l-forniment lil-Liberja ta' assistenza teknika u finanzjarja marbuta ma' attivitajiet militari, l-importazzjoni ta' djamanti mhux maħduma mil-Liberja u l-importazzjoni ta' prodotti ta' l-injam tond u ta' l-injam li joriġinaw f'dak il-pajjiż.
- (3) Fl-20 ta' Ġunju 2006, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 1689(2006). Huwa ddeċieda, *inter alia*, li ma jgħeddix il-projbizzjoni kontra l-importazzjonijiet tal-prodotti kollha ta' l-injam tond u ta' l-injam li joriġinaw fil-Liberja, li kienet għet imposta bil-paragrafu 10 tal-UNSCR 1521 (2003) u, wara diversi estensjonijiet, skadiet fl-20 ta' Ġunju 2006. Il-Kunsill tas-Sigurtà esprima d-determinazzjoni tiegħu li jerġa' jintroduċi dik il-projbizzjoni jekk, f'perijodu ta' disgħin jum, il-Liberja tfalli milli tgħaddi l-leġislazzjoni dwar il-forestrija proposta mill-Kumitat għall-Monitoraġġ tar-Riforma tal-Foresta maħluq mill-Gvern tal-Liberja.

¹ ĠU L 40, 12.2.2004, p. 35. Pożizzjoni Komuni kif emendata l-aħħar bil-Pożizzjoni Komuni 2006/518/PESK (ĠU L 201, 25.7.2006, p. 36).

² ĠU L 40, 12.2.2004, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1126/2006.

- (4) Il-Kunsill tas-Sigurtà reġa' kkunsidra l-kwistjoni fl-20 ta' Ottubru 2006 u kkonkluda li l-Liberja kienet adottat il-leġislazzjoni meħtieġa dwar il-forestrija. Għalhekk kien riżolt li ma jerġax jintroduċi l-projbizzjoni.
- (5) L-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 234/2004, li jipprojbixxi l-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti kollha ta' l-injam tond u ta' l-injam li joriġinaw fil-Liberja u kienet sospiża mit-23 ta' Ġunju 2006 sat-18 ta' Settembru 2006, għandha għalhekk tiġi revokata b'effett retroattiv mid-19 ta' Settembru 2006,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 234/2004, il-paragrafu 2 għandu jiġi mħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mid-19 ta' Settembru 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

E. TUOMIOJA
